

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI**tat-22 ta' Novembru 2010****li tistabbilixxi Bord tal-Ekotikkettar tal-Unjoni Ewropea**

(notifikata bid-dokument numru C(2010) 7961)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2010/709/UE)

Il-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 66/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar skema ta' Ekotikketta tal-UE⁽¹⁾, u partikolarmen l-Artikolu 5 tiegħi,

Billi:

- (1) Skont ir-Regolament (KE) Nru 66/2010, il-kriterji tal-Ekotikketta tal-UE għandhom jiġu stabbiliti bil-ghajjnuna tal-Bord tal-Ekotikkettar tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "EUEB").
- (2) Sabiex l-iskema tal-Ekotikketta tal-UE tiġi aċċettata mill-publiku ġenerali, huwa essenzjali li l-organizzazzjonijiet bħall-organizzazzjonijiet ambjentali mhux governattivi u l-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi jkunu membri tal-EUEB bħala partijiet interessati flimkien mal-korpi kompetenti tal-Istati Membri.
- (3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 2000/730/KE tal-10 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi l-Bord tal-Unjoni Ewropea għall-Ittikkettar Ekoloġiku u r-regoli tal-proċedura tiegħi⁽²⁾, għandha tinbidel.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

B'dan, il-Bord tal-Ekotikkettar tal-Unjoni Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "EUEB", huwa stabbilit.

Artikolu 2

1. Il-membri tal-EUEB għandhom jinhattru mill-Kummissjoni.
2. L-EUEB għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-Korpi Kompetenti ta' kull Stat Membri, rappreżentanti tal-Istat Membri taż-Żona Ekonomika Ewropea u rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet li ġejjin:

- (a) Bureau Européen des Consommateurs (BEUC);
- (b) EUROCOOP;

(c) European Environmental Bureau (EEB);

(d) Business Europe;

(e) European Association of Craft, Small & Medium-sized Enterprises (UEAPME);

(f) EUROCOMMERCE.

3. Il-Kummissjoni tista' temenda s-sħubija tal-EUEB kif jixraq.

Artikolu 3

1. Kull membru tal-EUEB għandu jappunta persuna ta' kuntatt.

2. Il-laqgħat tal-EUEB għandhom jitmexxew mill-President tiegħi stess.

3. L-EUEB għandu jadotta r-regoli tiegħu ta' proċedura b'konsultazzjoni mal-Kummissjoni.

4. Il-Kummissjoni għandha tirrimborża l-ispejjeż tal-vjaġġi u, fejn jixraq, l-ispejjeż tal-għajxien imġarrbin mill-membri marbuta mal-attivitàjet tal-EUEB fi ħdan il-limiti tal-baġit annwali allokat għal din in-nefqa.

Artikolu 4

Id-Deċiżjoni 2000/730/KE hija revokata.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Ottubru 2010.

Artikolu 6

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Novembru 2010.

*Għall-Kummissjoni**Janez POTOČNIK**Membru tal-Kummissjoni*⁽¹⁾ ĠU L 27, 30.1.2010, p. 1.⁽²⁾ ĠU L 293, 22.11.2000, p. 24.